MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Numru 100/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur D Theuma)**

**vs**

**Emanuele Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Emanuele Azzopardi, 50 sena, iben Carmelo u Carmela nee` Vassallo imwieled Naxxar fil-25 ta' Frar, 1953 u joqghod 124 'Tal-Karmnu' l/o Naxxar, u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 231553 M.

Akkuzat:

Talli f’dawn il-gzejjer fid-29 ta’ Settembru, 2003 gewwa l-lokalita` tan-Naxxar filghaxija minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ John Ebejer ID 203981 M, liema feriti huma ta’ natura gravi hekk kif iccertifikaw it-tobba Dr Andrew Zammit tal-Mosta Health Centre u Dr Konrad Borg ta’ SLH u dan bi ksur tal-Artikolu 216(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta’ John Ebejer jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imputat Emanuele Azzopardi b’obligazzjoni tieghu nnifsu ai termini tal-Artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet l-imputat jirregistra ammisjoni li nsista fuqha ghalkemm inghata zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jirrigwardaw offizi gravi a bazi ta’ l-Artikolu 261 tal-Kap 9 kkagunati minnu fuq certu John Ebejer.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu u wara li rat l-Artikolu 216 senjatament il-proviso tal-istess Artikolu tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal pejodu ta’ sena mil-lum.

Fic-cirkostanzi mhix tal-fehma li hemm l-estremi biex tapplika ukoll l-Artikolu 383 tac-citat Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------